

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Jannar 2019 – Nowhere vs EUIPO – Junguo Ye (APE TEES)****(Kawża T-12/19)**

(2019/C 72/57)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Nowhere Co. Ltd (Tokjo, il-Ġappun) (rappreżentant: A. Norris, Barrister)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Junguo Ye (Elche, Spanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenjuža: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenjuža kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "APE TEES" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 319 578*

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Ottubru 2018 fil-Każ R 2474/2017-2***Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiċħad it-trade mark ikkontestata fir-rigward tal-prodotti kkontestati kollha;
- sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem l-EUIPO għal eżami mill-ġdid;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-appell u tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2019 – Activos e Inversiones Monterroso vs BUR****(Kawża T-16/19)**

(2019/C 72/58)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet**

Rikorrenti: Activos e Inversiones Monterroso, SL (Pantoja, Spanja) (rappreżentant: S. Rodríguez Bajón, avukat)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni